# XWEJJAH

Kitba ta'
TREVOR ZAHRA

Jien u għaddej bil-karrozza minn triq fil-kampanja, ilmaħt xiħ bil-qiegħda ġod-daħla ta' bieb. Kien il-Ħadd fil-għaxija, f'xi s-sagħtejn, jum sabiħ b'xemx sħuna .... il-ħin meta, wara ikla tajba kulħadd joħroġ iterraq għall-arja safja. U x-xwejjaħ ħareġ ukoll ... bil-qiegħda fuq siġġu maħmuġ ġod-daħla ta' bieb. Mgħawweġ ganġ u b'wiċċu ċatt lejn l-art. Sthajjiltu biċċa mill-imgħoddi, bħall-ġebel tas-sejjieħ u n-niċeċ tal-madonni. U meta rġajt lura wara xi siegħa jew tnejn, ix-xiħ kien għadu hemm, fl-istess qagħda, wiċċu ċatt lejn l-art

U n-nies għaddejjin fil-karrozzi jvenvnu, jiddieħku u jlabalbu u jdoqqu r-radjijiet u jisimgħu d-diski ... ilkoll jagħmlu ħilithom biex jaqtgħu l-ġimgħa u jistrieħu, ibiddlu l-ambjent, jaljenaw irwieħhom mir-rutina. U x-xwejjaħ ħareġ jiddevertì waħdu ġod-daħla tal-bieb

Wiċċek 'l isfel mgħawweġ ganġ, x'inti taħseb xwejjaħ? X'inhu għaddej fid-dalma t'għajnejk magħluqa? Tgħid hemm moħbija elf ġrajja ta' mgħoddi sewdieni? Qed tibki l-ħajja li llum xrafet u waslet fi trufha? Tgħid qed tixxennaq għal dak li mar u ma jerġax jiġi? Inti biss taf. Jien rajtek għal ftit sekondi. Ma nafekx. Lanqas wiċċek ma rajt. U inti ma ntbaħtx bija. Għalik ma neżistix. Iżda għadni qed narak quddiem għajnejja bil-beritta sewda taħbilek kull emozzjoni.

Iżda la ma nafekx għax għandi naħseb fid-dieqa? Minn jaf, wara kollox, intix tħossok ħieni bis-snin wara dahrek imgħoddija fis-sliem u l-ġabra? Min jaf intix taħseb f'ulied uliedek li llum l-għaxqa ta' żmienek? Tgħid qed togħxa b'dik ir-roqgħa xemx mifruxa fuq saqajk għerja, u bla ma taħseb f'xejn qed tħossok ħieni bla ma taf l-għaliex?

Wiċċi 'l isfel mgħawweġ ganġ, jien ukoll bħalek. Naħseb ukoll fil-ġejjieni. Nixtieq xjuħija bħal tiegħek, fejn bil-qiegħda ġod-daħla ta' xi bieb noqgħod nogħxa bl-imgħoddi, bil-preżent ... u ma nbżax mill-ġejjieni. Sabiħa x-xjuħija ... daqs il-weraq oranġjo fit-telqa t'Ottubru, jew il-ħmura tax-xemx żurżiqija, jew id-daqq ta' kitarra f'nofs lejla sajfija. Sabiħa l-milja ta' kollox. Ċirku sħiħ fejn il-bidu jiltaqgħa u jitgħannaq mat-tmiem. Sabiħ it-tmiem .... it-tmiem ta' rumanz, il-final ta' opra, l-egħluq ta' festa. Sabiħ aktar mill-bidu. Sabiħa l-mewt. Sabiħ kull m'hu parti miċ-ċirku. Mingħajr il-mewt il-ħajja ssir monotonija waħidha. Kollox sabiħ.

Ibqa' bil-qiegħda ġod-daħla tal-bieb, u waqt li x-xemx tmellislek il-pala ta' sieqek xierfa, aħseb xwejjaħ, aħseb fil-ġrajja tiegħek u tiegħi u tagħhom u tagħna. Int ma tafnix u jien ma nafekx. Iżda lkoll qegħdin ġo ċirku wieħed. U f'dan iċ-ċirku kollox sabiħ. Ibqa' kif int. Terfax wiċċek 'il fuq. Tħallix insir nafek.